MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 54/2009

Kawza fil-lista: 20

**A B**
**vs**
**Direttur tar-Registru Pubbliku, C D E,**
**f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem tal-minuri F E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permez tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi fit-18 ta' Marzu 2005 twieldet F E kif jirrizulta mill-Dss certifikat tat-twelid (Dok. A).

2. Illi fl-imsemmi certifikat tat-twelid it-tifla minuri imsemmija hija mnizzla bhala wild ta’ missier mhux maghruf.

3. Illi, kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta’ din il-kawza, il-missier naturali tal-minuri msemmija huwa l-attur.

4. Illi l-attur kien ipproceda b’ ittra ufficjali skond il-procedura kontemplata fl-artikolu 86 tal-Kodici Civili pero’ l-konvenuta C D E naqset illi tirrispondi biex turi l-kunsens taghha biex l-attur jigi rikonoxxut bhala l-missier naturali.

Jghidu l-konvenuti ghaliex m’ ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi l-missier naturali tal-konvenuta minuri F E huwa l-attur.

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri F E billi, f’ dik il-parti dedikata ghad-dettalji ta’ missier it-tarbija, fejn hemm miktub “missier mhux maghruf” jitnizzlu d-dettalji ta’ l-attur.

Bl-ispejjez u l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg illi r-rikorrent jispecifika d-dettalji personali tieghu sabiex jekk it-talbiet dedotti jintlaqghu, dawn id-dettalji ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid relattiv. Inoltre, jekk it-talbiet dedotti fir-rikors jintlaqghu jehtieg li l-kunjom tal-minuri ghandu jigi korrett.

3. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C D E li biha eccepiet:

1. Illi l-esponenti taqbel illi kellha relazzjoni mal-esponent.

2. Illi l-esponenti tikkonferma li minn din ir-relazzjoni twieldet tarbija.

3. Illi, l-esponenti m' ghandhiex oggezzjoni li jsiru DNA tests lil minuri, b' dana pero' li l-esponent ghandu jbati l-ispejjez ghaliex hu watt ma ried jirrikonoxxi lill-istess minuri.

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat u mahluf mill-Analista Christopher Farrugia, u l-Ispizjara Dottor Marisa Cassar;

Rat il-verbal maghmul mill-partijiet fis-sens li l-kunjom tat-tifla jinbidel minn 'E' ghal 'B E';

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qieghed jitlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla F E li twieldet mill-konvenuta C D E fit-18 ta' Marzu 2005 u li fic-certifikat tat-twelid taghha numru 1159/2005 giet imnizzla bhala wild

ta' missier mhux maghruf, hija fil-fatt il-wild naturali u bijologiku ta' l-attur.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet kienu bdew relazzjoni f' nofs is-sena 2004, u wara ftit, beda jkollhom relazzjonijiet intimi bejniethom. Ghal habta ta' Lulju 2004 circa, il-konvenuta skopriet li hi kienet harget tqila mill-attur; u fit-18 ta' Marzu 2005 twieldet it-tifla F. Wara ftit taz-zmien il-partijiet itterminaw defenittivament ir-relazzjoni taghhom.

Il-konvenuta C D E tikkonferma bil-gurament li t-tarbija hija ta' l-attur, stante li fiz-zmien li hija kienet tohrog mieghu ma kellhiex relazzjonijiet intimi ma haddiehor; izda kienet irrifjutat li tersaq ghat-testijiet xjentifici.

L-attur minn naha tieghu kien segwa l-procedura kontemplata fl-artikolu 86 tal-Kap.16 sabiex jirrikonoxxi lit-tifel, izda l-konvenuta E kienet naqset milli tirrispondi biex turi l-kunsens taghha biex l-attur jigi rikonoxxut bhala l-missier naturali. Ghalhekk kellhom isiru l-proceduri odjerni bl-ispejjez li jinvolvu.

Illi r-rapport xjentifiku tad-DNA jaghti konfort lit-tezi ta' l-attur, li wara kollox kienet qed taqbel maghha l-konvenuta C D E, li t-tifla F E hija il-wild naturali tieghu.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur, u tiddikjara li ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, l-attur A B huwa l-missier naturali u bijologiku tat-tifla F li twieldet mill-konvenuta C D E fit-18 ta' Marzu 2005; u konsegwentement tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid numru 1159/2005 fis-sens li, minflok il-kliem "missier mhux maghruf", jitnizzel isem l-attur u l-konnotati tieghu. Inoltre, tordna li l-kunjom tat-tifla F jkun 'B E'.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenuta C D E proprio.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------